# TROPICANA NIGHTCLUB

## *minn Eric Montfort*

Il-Blata l-Bajda dejjem kienet żona daqsxejn waħda differenti mill-kumplament tal-Ħamrun, b'identità distinta u nies li juru li jafu b'din id-distinzjoni. Dan minkejja li għaddew snin twal mindu żviluppat din iż-żona u li minkejja li għaddew ħafna bidliet minnha wkoll.

Blata l-Bajda bdiet bħala żona residenzjali, u kienet diġà kibret mhux ħażin qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. Fil-parti l-kbira tagħha hi residenzjali u testendi mill-Furjana, ftit lil hinn mill-Bombi, u tkompli sejra sa ftit 'il fuq mir-Radio City, illum iċ-Ċentru Nazzjonali Laburista. Fi Blata l-Bajda hemm ukoll ħafna industriji u servizzi, u hawnhekk tul dawn l-aħħar snin rajna bosta ħwienet jiftħu u jagħlqu. Irridu nsemmu wkoll li l-Blata l-Bajda tkopri wkoll parti mill-Marsa. Infatti, in-nofsinhar tal-Blata l-Bajda nistgħu ngħidu li jibda minn fejn kienet il-Pitkalija, llum l-uffiċini tal-*Yellow Pages (Malta)* u tibqa' sejra sat-Telgħa ta' Spencer u Horns Ditch, fejn sa llum għadu jarma l-Monti ta' kull nhar ta' Ħadd. Hija l-iktar naħa industrijalizzata tal-Blata l-Bajda, fejn hawnhekk insibu ċentri ta' ħażna taż-żjut, fabbriki tas-silġ u tal-ġelati, u industriji tas-servizzi fost oħrajn. Faċċata, hekk kif wieħed jaqsam Triq Nazzjonali, nsibu ċentri oħra ta' servizzi finanzjarji, t'assigurazzjoni, żewġ pompi tal-fjuwil u l-ARMS, l-istazzjon RTK u l-Midja tal-Knisja Kattolika, barra ċ-ċimiterju ta' Braxia, li parti minnu tagħmel mal-Ħamrun. Fi tmiem is-snin 50, u tul is-snin 60, mbagħad rajna żjieda fil-bini u l-popolazzjoni tal-Blata l-Bajda, bil-bini tal-appartamenti tal-Arċisqof, bħala postijiet diċenti għall-ħaddiema *(Rerum Novarum Flats)*, kif ukoll il-vilel li hemm fi Triq Mountbatten, fejn qabel l-istess viċi-re leġġendarju Brittaniku, Lord Mountbatten kellu l-istalel taż-żwiemel: għalhekk l-isem ta' din it-triq.

Qalb dan l-iżvilupp kollu, f'post żgħir u taħt l-art, fi blokk appartamenti li telgħu fi Triq Nazzjonali f'nofs is-snin 60, kien hemm ukoll *nightclub*. Iva, *nightclub* fil-Ħamrun! - għax din kienet fil-parti tal-Blata l-Bajda li tagħmel mal-Ħamrun. Issa, wieħed irid iqis li l-Ħamrun kellu tradizzjoni ta' postijiet ta' divertiment, kemm qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, kif ukoll wara. Il-Ħamrun ra l-Odeon, it-Trianon, il-Hollywood, u forsi l-ikbar u l-iktar li rnexxa - ir-Radio City Opera House, li tlestiet fl-1946 u li ħaddnet fiha tant preżentazzjonijiet operistiċi, teatrali u anke films. Dan kien id-divertiment li kienu jgawdu minnu l-Ħamruniżi, kif ukoll nies oħrajn li kienu joqgħodu qrib, l-iktar mill-Marsa, li dak iż-żmien kienet kibret konsiderevolment, u kella popolazzjoni qrib l-10,000 ruħ, kif ukoll postijiet iżgħar bħal Tal-Pietà u l-Imsida, u Santa Venera. Ta' min isemmi li kienu jiġu wkoll nies minn postijiet oħra lil hinn mill-Ħamrun, u dan kien dovut għall-qagħda ċentrali ħafna tiegħu. Ħadd iżda ma kien jobsor li xi darba kien se jkun hemm *nightclub*.

Sa ċertu punt, kien jagħmel ukoll sens li jkollok *nightclub*. L-era tan-*nightclubs* f'Malta bdiet madwar nofs is-snin 60, ftit wara l-kisba tal-indipendenza. Bdew jixterdu madwar Malta, f'postijiet bħar-Rabat *(Toby Jug/ Barrel and Basket)*, Imsida *(Churchill Nightclub fi Triq il-Wied)* u tard fis-snin 60 f'Tas-Sliema, bid-Dragut u l-Piali Nightclubs fi Qui-Si-Sana. Paceville dak iż-żmien kienet iktar frekwentata mis-servizzi Brittaniċi.

Il-qagħda ċentrali tal-Blata l-Bajda, kif ukoll l-istess popolazzjoni tal-Ħamrun, speċjalment tal-Blata l-Bajda, (madwar 2,000 ruħ) kienu fatturi li ġegħlu li jinfetaħ it-**Tropicana Nightclub** f'nofs is-snin 60. Fil-verità kienu jiġu nies minn Malta kollha, l-iktar fix-xitwa, fejn dan il-post kien iservi bħala sostitut għall-Pjazza Reġina u l-baned li kienu jdoqqu dak iż-żmien. Infatti, ħafna mill-artisti Maltin li konna nsibu f'dan in-*nightclub* u *restaurant* kienu Beltin, fosthom Oscar Lucas, Jimmy Dowling, u l-baned rispettivi tagħhom, kif ukoll kantanti bħal Joe Cutajar, dak iż-żmien fl-aqwa tiegħu. Il-post



Tony Carr (bil-mustaċċi) ma' Bryan Ferry fl-1977

kien żgħir imma bi preżentazzjoni verament sabiħa u li tilqa' lil dak li jkun. Tony Carr, id-drummer rinomat Malti, mill-Belt Valletta, li kien emigra lejn l-Ingilterra lura fl-1952, u li llum, Alla jbierku għadu mogħni bl-età u memorja tajba, jiftakar idoqq ukoll hemmhekk, lura fl-1973, għal ġimgħatejn, meta, dak iż-żmien kien iżur pajjiżna b'mod iktar regolari. Tony Carr, dak iż-żmien, kien diġa spikka bħala batterista u perkussjonista ma' talenti kbar bħal Billy Eckstein, Alexis Korner u kien ukoll fil-banda tal-kantawtur Skoċċiż Donovan, flimkien ma' Jimmy Page, li wara spikka mal-Led Zeppelin. *'Kien post intimu, u niftakar li kien wieħed mill-postijiet li kont indoqq fih, meta kont inqatta' xi żmien btala ġewwa Malta, sabiex inżur lil niesi, kif ukoll naqta' ftit mill-volum kbir ta' xogħol li kelli mal-baned u mal-BBC dak iż-żmien'*, kompla jgħidli Tony Carr meta jien żortu dan l-aħħar.

Hekk kif Paceville, kif ukoll Tas-Sliema saru ċentri iktar popolari għad-divertiment ta' billejl, il-Belt u l-Ħamrun u bosta postijiet oħra, tilfu ħafna mill-importanza tagħhom f'dan il-qasam. It-Tropicana sar ftit notorju, u prattikament waqaf jiffunzjona bħala nightclub lejn nofs is-snin 70 u sar ristorant tal-ikel ċiniż, magħruf bħala l-Golden Duck. Anke bħala ristorant, għomru kien qasir għax lejn tmiem is-snin 80, għalaq ukoll. Sallum għad hemm biss abbandun u żdingar f'post li għal xi żmien serva wkoll bħala post ta' divertiment uniku fil-ġrajja tal-mużika popolari Maltija. Ta' min ukoll isemmi li l-post kien spira isem ta' programm dwar il-kitarri li kien jixxandar permezz tar-Redifussion/Radju Malta kull nhar ta' Tlieta fis-siegħa ta' waranofsinhar, ippreżentat mill-mibki Dennis Vella, mużiċista u student tal-arti, li wara spiċċa bħala kuratur tal-Mużew Nazzjonali.




*Il-Golden Duck (illum magħluq) fi Blata l-Bajda - dak li kien it-Tropicana.*